## Il-fjuri selvaġġi li jikbru fl-ambjent urban...

- isebbħu l-ambjent li ngħixu fih;
- huma parti mill-wirt naturali tagħna;
- jipprovdu ikel lil bosta insetti u ħlejjaq oħra, fosthom lin-naħal u l-għasafar.

## Kif nistgħu ngħinu:

1. Inneħħu l-mentalità żbaljata li l-pjanti selvaġġi huma ħaxix ħażin. Huwa veru li hemm pjanti li jikbru fejn ma rriduhomx, imma b'daqshekk ma jfissirx li huma ħżiena.
2. Nipprovdu spazji, anke żgħar, f'żoni urbani fejn il-pjanti selvaġġi jitħallew jikbru. Dawn jistgħu jkunu jiffurmaw parti minn ġonna privati jew pubbliċi, central strips u l-ġnub ta' toroq u mogħdijiet `il barra mill-abitat.
3. Fejn hu possibli, il-qtugħ ta' pjanti selvaġġi minn Kunsilli Lokali u entitajiet oħra jsir wara li dawn ikunu nixfu u xerrdu ż-żerriegħa.





# Mhux ħaxix ħażin!

Il-biċċa l-kbira ta' ħajjitna ħafna minna nqattgħuha fl-ambjent urban, li f'Malta hu mifrux sew. Ftit nassoċjaw in-natura ma' dan il-ħabitat maħluq mill-bniedem, iżda l-preżenza tan-natura tinħass xorta waħda.

Fost l-oħrajn din narawha f'għadd ta' pjanti u fjuri selvaġġi. Xi wħud jikbru mal-ġnub tat-toroq, oħrajn f'xi roqgħa art mhux mibnija. Jekk inneħħu l-mentalità żbaljata li kull pjanta selvaġġa hi 'ħaxixa ħażina', naslu biex nibdew napprezzaw is-sbuħija sempliċi tagħhom.

Dan il-fuljett jgħinek tidentifika u tapprezza wħud mill-fjuri li hemm jikbru ftit lil hinn minn darek.

---

**BirdLife Malta** twaqqfet fl-1962 u hija l-akbar għaqda ambjentali f'Malta. L-għan tagħha hu l-konservazzjoni tal-għasafar fis-selvaġġ, tal-ħabitati naturali u l-bijodiversità tal-gżejjer Maltin. Xprunat il-ħolqien ta' għadd ta' riservi naturali li llum huma mmexxijin minnha. Taħdem ħafna fil-qasam edukattiv u tippubblika kotba u rivisti sabiex iżżid l-apprezzament tan-natura.


info@birdlifemalta.org — birdlifemalta

21347645/6 — @BirdLife_Malta


Kitba, ritratti u disinn: Jason Aloisio



NISKOPRU N-NATURA - 1

BirdLife MALTA

# IL-FJURI SELVAĠĠI FL-AMBJENT URBAN



**Ħarira Kaħla**
Blue Pimpernel



**Fidloqqom**
Borage



**Lellux**
Crown Daisy



**Bużbież**
Fennel



**Tfief Komuni**
Smooth Sow-Thistle



**Ħaxixa Ingliża**
Fennel



**Papoċċi Bajda**
Sicilian Snapdragon



**Xewka Bajda**
Boar Thistle



**Zunnarija Selvaġġa**
Wild Carrot



**Buttuniera**
Sweet Alison



**Qniepen**
Honeywort



**Denb il-Ħaruf**
White Mignonette



**Daħnet l-Art**
Italian Fumitory



**Lsien l-Għasfur**
Red Campion



**Ħobbejża tas-Siġra**
Tree Mallow



**Papoċċi Ħamra**
Greater Snapdragon



**Leblieb tax-Xagħri**
Mallow Bindweed



**Ċimbalarja**
Ivy-leaved Toadflex



**Peprin Komuni**
Common Poppy



**Garni tal-Pipa**
Frair's Cowl